# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Novembru 2019

**Rikors Numru : 133/2019 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**MPT**

**vs**

**MLT**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' MPT, datat 29 ta' Mejju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża*

1. *Il-partijiet iżżewġu nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru, tas-sena elf disgħa mija u tminja u tmenin (1988) u dan kif inhu kkonfermat miċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-kontendenti hawn anness u markat bħala DOK A;*

2. *Minn dan iż-żwieġ il-kontendenti kellhom żewġ t'itfal, MT li twieldet nhar X, u JT li twieled nhar Y; lkoll maġġiorenni (Dok B u Ċ rispettivament);*

3. *L-intimata rrendiet il-ħajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibli permezz ta' inġurji gravi, sevizzi, moħqrija u ġlied ipperpetrati minnha u dan kif ser jiġi ippruvat fil-kors tal-kawża kif ukoll minħabba inkompatibilita ta' karattru;*

4. *Minkejja l-isforzi tal-esponenti, il-kontendenti naqsu milli jilħqu ftehim dwar il-firda personali ta' bejniethom, l-istess ftehim baqa' ma seħħx unikament sforz ir-retiċenza assoluta tal-intimata u għaldaqstant jeħtieġ l-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex issir din il-firda personali.*

5. *L-esponenti ġie debitatment awtorizzat jipproċedi bil-kawża odjerna permezz ta' diġriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 22 ta' April, 2019 (bin-numru 962/19), hawn anness u markat bħala D.*

<u>*Raġuni tat-Talbiet*</u>

1. *Għar-raġunijiet premessi, u peress illi l-medjazzjoni bejn il-kontendenti ma kellhix ir-riżultati mixtieqa, l-esponenti ma kellu l-ebda għażla għajr illi jipproċedi kontra l-intimata f'din l-istanza.*

<u>*Talbiet*</u>

***Jgħid għalhekk l-intimat, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:***

1. *Tiddikjara lill-intimata unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ odjern, għal dawk ir-raġunijiet indikati fir-rikors odjern, jew liema minnhom, u li a bażi tagħhom qiegħda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti.*

2. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija u/jew għar-raġunijiet oħra li jistgħu talvolta jirriżultaw fil-kors tal-kawża.*

3. *Tistabilixxi d-data meta l-intimata għandha tiġi kkonsidrata li kkaġunat il-firda bejn il-kontedenti u tapplika in toto jew in parte kontriha l-artikoli 48, 51, 52 u 53 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, tenut kont kemm tal-attiv kif ukoll tal-passiv konsistenti l-istess;*

5. *Tillikwida ukoll kull kreditu tal-istanti versu l-komunjoni tal-akkwistu u l-intimata sabiex sussegwentament tiddividi l-bilanċ formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi sabiex jaffetwaw kull likwidazzjoni meħtieġa u jipproponi pjan ta' diviżjoni;*

6. *Tassenja l-istess porzjonijiet waħda lil kull parti;*

7. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimata kienet u ghadha f'obbligu illi tħallas sehma u ċioè nofs mill-passiv kollhu gravanti l-komunjoni tal-akkwisti; tordnalha konsegwentament tirrifondi lill-istanti kull ħlas imwettaq minnu akkont tas-sehem l-intimata mill-passiv gravanti l-komunjoni tal-akkwisti.*

8. *Tikkundanna lill-intimata sabiex, fi zmien qasir u perentorju li tigi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, tikkonsenja lir-rikorrenti l-oggetti kollha dotali u parafernali tiegħu, inklużi flus u krediti oħra, u fin-nuqqas, tikkundanna lill-istess intimata tħallas il-valur tal-istess, bl-opra okkorrendo ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw il-kalkoli neċessarji f'dan ir-rigward*

   *Bl-ispejjeż kontra l-intimata illi hija minn isa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' MLT, datata 8 ta' Lulju 2019, a fol 13 li taqra hekk:

*Illi l-eccepjanti qed topponi t-talbiet attrici bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi mhux minnu li l-eccepjenti tahti ghat-tifrik taz-zwieg anzi jekk jahti xi hadd huwa effettivament l-attur.*

*Salv Eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet it-trattazzjoni mil-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**Il-konvenuta** xehdet a fol 19 *et seqq* illi din hija l-ewwel darba illi tinsab involuta fi proceduri gudizzjarji u ma ndunatx li kellha terminu entro liema kellha tipprezenta r-risposta taghha, izda kif indunat cemplet mill-ewwel lil avukat. Fuq mistoqsija tal-Qorti, hija kkonfermat illi hija kienet effetivament notifikata fil-11 ta' Gunju 2019.

**In kontro-ezami** xehdet illi hija kienet tattendi ghas-seduti tal-medjazzjoni u li kienet prezenti dakinhar li kienet inghalqet il-medjazzjoni sabiex il-partijiet ikunu jistghu imexxu ghall-kawza. Qablet illi ghalhekk hija kienet taf li l-pass li jmiss kienet kawza, izda ziedet li hija ma tafx x'inhu l-process tal-Qorti. Ikkonfermat illi waqt il-medjazzjoni hija kienet assistita minn avukat.

**Ikkonsidrat:**

Din hija decizjoni wara talba maghmula mill-attur fil-verbal tas-seduta tad-9 t'Ottubru 2019 sabiex tigi sfilzata r-risposta guramentata tal-konvenuta stante illi giet prezentata tardivament u ghalhekk il-konvenuta waqghet kontumaci. L-Attur argumenta illi l-istitut tal-kontumacja huwa ta' ordni pubbliku u ghalhekk il-kontumacja ma tistghax tigi ggustifikata fuq ragunijiet li m'humiex a bazi tal-ligi.

Minn naha taghha l-konvenuta tikkontendi illi l-effett tal-kontumacja fil-kawzi ta' separazzjoni huwa wiehed minimu peress illi ma tezisti l-ebda preskrizzjoni li twaqqaf lil xi parti milli jipprezenta l-kawza tieghu u ghalhekk hi prassi li l-kontumacja ma titqajjimx f'dawn il-proceduri. Argumentat ukoll illi hija ma kienetx fehmet l-import tal-atti li rceivet, izda li malli ndunat u fehmet x'kienu jfissru d-dokumenti hija pprezentat ir-risposta taghha b'mod immedjat.

Jinsab osservat fil-gurisprudenza illi:

> **"*l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*"**[1]

[1] **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Vo. Ltd,** Qorti tal-Appell Civili, deciza 28 ta' Jannar

A kuntrarju ta' dak sottomess mill-konvenuta illi l-istitut tal-kontumacja bhala prassi ma jigix applikat fil-proceduri ta' separazzjoni personali, dan l-insenjament gie kkonfermat u rribadit minn din il-Qorti diversament presjeduta f'kawzi ta' din in-natura.[2]

Il-Qorti taghraf illi fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Naudi Montaldo vs Emanuel Xuereb** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-24 ta' Frar 2005, kienu gew elenkati diversi regoli dwar meta tista' tigi gustifikata l-kontumacja, u cioe

1. ***Il-kontumacja ma tistax tigi gustifikata jekk kienet volontarja.***
2. ***Anqas tista tigi skuzata jekk almenu kolpuza (ara ukoll is-sentenza fl-ismijiet Cilia vs Farrugia (Appell Inferjuri 29 ta' Novembru 1958)***
3. ***Biex ikun hemm lok ghal gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.***
4. ***Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.***
5. ***L-impediment biex ikun legittimu ghandhu jkun indipendenti mill-volonta tal-kontumaci.***
6. ***L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx invincibbli.***
7. ***Dan l-impediment legittimu jista jkun una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili.***
8. ***L-impossibilita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikolta' gravi biex tista tikkostitwixxi impediment legittimu ghandhu jkun fiziku u eccezjonalment biss tista tkun morali.***

Mill-atti jirrizulta illi l-konvenuta kienet giet notifikata personalment bir-rikors guramentat tal-attur fil-11 ta' Gunju 2019, u kienet ipprezentat ir-risposta taghha fit-8 ta' Lulju 2019, u ghalhekk wara li kienet skada t-terminu ta' ghoxrin gurnata moghtija mill-ligi.

Il-Qorti rat illi mix-xhieda tal-konvenuta stess jirrizulta li l-prezentata tardiva tar-risposta guramentata taghha ma kienetx dovuta ghal xi impediment legittimu. Il-konvenuta tammetti fix-xhieda taghha illi meta rcievet l-atti hija ma kienetx fehmet li ghandha tirrispondi entro terminu specifiku u kien ghalhekk li ma marritx ghand l-avukat mill-ewwel, u tikkontendi li dan in-

---

2005.

[2] Vide per ezempju: **A sive A B pro et noe vs F sive G B,** Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) deciza 28 ta' Mejju 2014; **A B vs C D,** Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) deciza 5 ta' Lulju 2016; **Nicolai Magri vs Marie Gabrielle Magrin,** Qorti tal-Appell Civili deciza 24 ta' Novembru 2017.

nuqqas huwa dovut ghal fatt illi din hija l-ewwel darba li tinsab involuta fi proceduri gudizzjarji.

Illi pero, din ma tistghax titqies bhala raguni valida sabiex tiggustifika l-kontumacja. Fuq ir-rikors guramentat hemm, kif rikjest mill-ligi, twissija, miktuba b'tipa grassa u fil-bidu nett tal-att, li tinforma lil konvenuta b'lingwa cara u semplici illi hija ghandha ghoxrin gurnata sabiex tintavola r-risposta taghha, u li fin-nuqqas ta' dan il-Qorti tghaddi ghad-decizjoni taghha. Il-fatt illi l-konvenuta ma kienetx taf illi ghandha terminu ta' ghoxrin gurnata biex tirrispondi m'huwiex dovut ghalhekk ghan-nuqqas t'esperjenza taghha fi proceduri gudizzjarja, izda huwa dovut ghan-nuqqas da parti taghha li minn tal-inqas taqra l-ewwel paragrafu tal-atti li twasslu lilha personalment minn Marixxal tal-Qorti. Dan m'huwa xejn hlief traskuragni u negligenza, aktar u aktar meta wiehed iqis illi l-konvenuta kienet attendiet ghal seduti ta' medjazzjoni, u kienet taf li l-medjazzjoni kienet inghalqet u li l-partijiet kienet ser imexxu b'kawza.

Minn dan isegwi illi l-kontumacja tal-konvenuta hija wahda volontarja u kolpuza u ghaldaqstant ma tistghax tigi ggustifikata.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara illi l-konvenuta hija kontumaci u tordna l-isfilz tar-risposta taghha, prezentata tardivament, a fol 13 – 16 tal-process.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**